# Il-Ħuttafa

Numru **132**

21 sena 1994-2015

Jannar - Frar 2016



Għasfur ta' San Martin

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

**Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf




Aron Tanti



# Ħej Ħuttaf

Dan l-aħħar kont ma' grupp studenti f'Foresta 2000 u kellhom karta biex jiktbu fiha x'annimali jaraw. Wieħed mill-istudenti wara li ħares ftit madwaru qalli "M'hawn xejn, ser, ta!"

Din mhix l-ewwel darba li nismagħha. Forsi dan l-istudent kien qed jistenna li ħa jara xi ċerva ħierġa minn qalb is-siġar b'erba' lpup jiġru warajha. Ma nagħtihx tort sa barra, għax aħna meta ngħidu 'annimali' is-soltu nimmaġinaw annimali kbar. Ninsew li hemm ukoll ħafna annimali żgħar madwarna.




Fil-lezzjonijiet tax-xjenza nitgħallmu li l-annimali huma parti mill-katina tal-ikel (*food chain*) u li kollha għandhom bżonn lil xulxin. Id-daqs tal-annimal mhux importanti, ħanfusa daqs rossa (bħal dik ta' paġna 11) li tgħix midfuna fil-ħamrija għandha postha fin-natura daqs *blue whale*. Jekk dik il-ħanfusa tispiċċa mill-ħabitat tagħha tkun inqatgħet ħolqa mill-katina tal-ikel. U katina maqtugħa x'tiswa?

Għalhekk meta tkunu mixjin fil-kampanja ftakru li n-natura hija ħafna iktar sinjura milli naħsbu. Imma n-natura spiss tilgħab noli magħna u allura rridu nfittxu biex insibuha. X'hemm taħt dik il-ġebla? Dik il-werqa għalfejn għandha tarf irrumblat? X'inhi dik it-toqba tonda f'dik il-fergħa? U dawk il-ħjut f'dik ir-rokna? X'inhuma dawn it-tikek ħomor f'nofs dil-lelluxa? Dak il-biċċa zokk niexef kif f'daqqa waħda qed jimxi? U dik il-werqa kif rabbiet il-ġwienaħ u taret?

Fittxu u ferkxu u żommu għajnejkom miftuħin għall-irqaqat u titgħallmu ħafna sigrieti tan-natura.

U dak l-istudent! Ħeħe dak spiċċa tella' lista listun u kelli nagħtih karta oħra biex ikompli fuqha!



Victor Falzon

**Victor Falzon**
L-Editur

Il-**Qarsu** hija pjanta aljena għax kienet iddaħħlet Malta mill-Afrika t'Isfel. Issa ilha xi 200 sena parti mill-kampanja tagħna, u kważi nistgħu nibdew insejħulha Maltija!

## Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Għadajjar fil-blat | 4-5 |
| Is-silla tal-mogħoż | 6 |
| Attività | 6 |
| Għasafar Xitwin | 7 |
| Kemm inkwiet | 8 |
| Il-Qanfud | 9 |
| Wied il-Miżieb | 10-11 |
| Il-Munxar | 12 |


## Kumitat


### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Sean Bonello • Nicholas Galea • Timothy Micallef

## Kordinazzjoni

Hannah Chisholm


## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**



Reg.Vol.Org. VO/0052



© BirdLife Malta, Frar 2016



Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop


FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Denis Cachia

**Għasfur ta' San Martin** (common kingfisher)
Wieħed mill-iktar għasafar kuluriti li naraw f'Malta. Xi waħdiet jgħaddu x-xitwa f'pajjiżna f'postijiet fejn isibu kenn u ikel, bħar-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar. Aqbżu s'hemm f'xi tmiem il-ġimgħa forsi tarawh.

# Gurlin Gustuż

Ftit ġimgħat ilu fir-riserva naturali tal-Għadira kien hemm **gurlin** (Eurasian curlew *Numenius arquata*) Dam xi ftit ġimgħat fl-inħawi u kull min rah ħa gost, għax il-gurlin mhux għasfur komuni.

Il-gurlin faċli jingħaraf għax kif taraw mill-istampa għandu munqaru twil ġmielu u mgħawweġ 'l isfel ukoll. Dak il-munqar huwa biċċa għodda stupenda biex iferkex fil-ħaxix jew fl-ilma u jaqbad gambli, dud, insetti u ħniex daqs li kieku bl-aqwa pinzetta.

Xi għasafar jingħataw isem skont l-għajta tagħhom, speċjalment jekk tkun għajta tispikka. Bil-Malti dan l-għasfur huwa **gurlin**, bl-Ingliż **curlew**, bit-Taljan **chiurlo** u bil-Franċiż **courlis**. Dawn l-ismijiet jixxiebħu għax ilkoll jippruvaw jimitaw l-għajta sabiħa tal-gurlin *"kuuuurli... kuuuurli"*

Biex tisma' l-għajta u l-għanja tal-gurlin u għasafar oħrajn mur fil-websajt **www.xeno-canto.org**



Victor Falzon

Jien ngħid daħal f'ħajt u tgħawwiġlu munqaru. X'taħseb?

Jien ngħid qagħad quddiem il-ħiter u dablu.



**Għaliex Pjazza Assedju jsibuha tajba z-zizka?**

- ☐ Għax is-siġar joffru kenn mill-elementi.
- ☐ Għax il-bini madwar jilqgħalhom ir-riħ.
- ☐ Għax qalb il-bini tkun iktar sħana milli fil-beraħ.

Tweġiba: Kollha tajbin!



**Zakak Abjad**
*White wagtail*

Dan ieħor imsemmi għall-għajta tiegħu.

Aron Tanti

# Sodod għal 10,786

Fil-Belt Valletta hemm pjazza speċjali jisimha Pjazza Assedju (dik ta' quddiem il-qorti). X'għandha speċjali? Forsi għax qiegħda ħdejn il-famuż konkatidral ta' San Ġwann. Mhux għalhekk biss.

F'dik il-pjazza hemm xi siġar kbar tal-fikus, u f'dawn is-siġar kull filgħaxija fil-ħarifa u x-xitwa jiġu jorqdu eluf ta' għasafar żgħar bojod, suwed u griżi b'denbhom twil u jagħmlu *ċizikk! ċizikk!* meta jtiru.

Dawn huma **zizka bojod**, li jżuruna fix-xhur il-friski u jgħaddu x-xitwa magħna. Iz-zizka bojod iħobbu jorqdu fi gruppi għax hekk iħossuhom iktar protetti. Għalhekk kull filgħaxija jibdew jinġabru bil-gzuz minn Malta kollha u jidħlu f'siġar kbar biex jorqdu flimkien. Pjazza Assedju fil-Belt hija l-ikbar 'dormitorju' taz-zakak abjad f'pajjiżna, u dan nafuh għax il-BirdLife ilha 30 sena tmur tgħoddhom kull sena. Dis-sena kienet rekord għax għoddejna **10,786** zakak!

Dawn id-dormitorji tal-għasafar jgħidulhom *roosts.*

Il-lajs, mela ħafna iktar minn kemm jgħixu nies il-Belt.

U ejja!

Il-Ħanex Ħadran għandu raġun. Il-popolazzjoni umana tal-Belt Valletta qiegħda xi 6400 ruħ.

Victor Falzon



Il-**kara** hija alga li tagħmel friegħi twal li minnhom joħorġu xniexel bħal swaba' minn kull għaksa. Għandha riħa qisha tal-basal u tvarja ħafna fil-forma.

Victor Falzon



Il-**gamblu tal-għadajjar** huwa kannella ċar, twil xi 2ċm, imma jidher ħadrani jekk ikun kiel algi mikroskopiċi. Jgħum fuq dahru u għandu 11-il par saqajn biex jaqdef.



Il-**gamblu tal-qoxra** kull ma fih 1ċm u għandu qoxra li tgħattilu ġismu kollu. Jiekol annimali u pjanti żgħar li jsib fit-tajn tal-qiegħ.



Il-**wirdiena tal-ilma** hija ħanfusa kbira li tħobb għadajjar fondi fejn tistaħba qalb il-friegħi tal-pjanti. Il-mara tbid ġol-friegħi u meta l-frieħ ifaqqsu jieklu annimali żgħar li jaqbdu mill-għadira.



Victor Falzon

Jekk tħares fl-ilma u tara tikki ċari xi 1mm jgħumu b'ħafna skossi x'aktarx ikunu **kopepodi tal-għadajjar**. Dawn l-annimali jaqdfu bl-antenni filwaqt li b'saqajhom jaqbdu pjanti u annimali żgħar mill-ilma.

Ambjenti u Residenti

# Għadajjar tal-blat

Desirée Falzon



L-**imqass tal-ilma** jgħum fuq dahru. Għandu par saqajn minnhom twal ħafna li jużahom bħala mqadef. Itir tajjeb u meta l-għadira tibda tinxef jitlaq ifittex x'imkien ieħor.

Joe Sultana

Fil-kampanja għandna ħafna blat fil-wiċċ u meta tagħmel ix-xita fix-xitwa l-ħofor fil-blat jimtlew bl-ilma. Fejn il-ħofor ikunu ftit fondi jew wesgħin jiffurmaw għadajjar – bħal din fix-xagħri fl-inħawi **Tal-Providenza** – li jafu jdumu anke xhur, speċjalment jekk tagħmel xita sew. Kif iħoss l-ilma, il-bajd ta' annimali żgħar ifaqqas mit-tajn tal-qiegħ. L-istess iż-żerriegħa ta' xi pjanti, li jinbtu wara li jixxarrbu. Il-ħajja f'dawn l-għadajjar hija speċjali għax fi żmien qasir trid tikber u tagħmel iċ-ċiklu kollu tal-ħajja: l-annimali jbidu l-bajd u l-pjanti jagħmlu ż-żerriegħa. L-annimali u l-pjanti jmutu imma l-bajd u ż-żerriegħa 'jorqdu' għal żmien twil fil-qilla tax-xemx f'daqsxejn tajn niexef, sa ma terġa' tagħmel ix-xita.




Gamblu kbir u rarissmu, il-**gamblu tal-elmu** huwa wieħed mill-eqdem speċi ta' annimali fid-dinja. Ftit ħafna hawn postijiet fejn għadu jinstab f'Malta. It-tniġġis tal-ilma u l-qerda tal-ambjent bl-iżvilupp fil-kampanja qed ikomplu jagħmluh iktar rari.

Desirée Falzon



Iċ-**ċfolloq tal-ilma** tispikka ħafna fl-għadajjar tal-blat. Għandha fjuri ħelwin bojod u sofor li jittawlu dritti 'l fuq minn wiċċ l-ilma. Din il-pjanta għandha żewġ tipi ta' weraq, tip ċatt li joqgħod fil-wiċċ u tip bix-xniexel li joqgħod mgħarraq fl-ilma.

Victor Falzon




# Nimxu Mixja Mixjun

Reġgħet waslet il-mixja mixjun! Ħa nieħdu l-iktar rotta popolari mal-membri, jiġifieri mir-Rabat sax-Xemxija. Din ir-rotta tgħaddina minn kampanja sabiħa fl-inħawi tal-Fiddien, Id-Dwejra, Binġemma u San Martin. Il-mixja hija twila 10km. Jidhru forsi ħafna imma fil-fatt hija kważi kollha għall-wita jew għan-niżla. Waqt il-mixja nagħmlu żewġ waqfiet u xorta fi tliet sigħat inkunu lesti.

Għal din l-attività hija d-drawwa li niġbru xi ħaġa tal-flus. B'dawn il-flus aħna mbagħad nixtru affarijiet għal xi proġett tal-BirdLife. Pereżempju bil-flus tas-sena l-oħra għamilna bird tables biex jitqassmu fl-iskejjel. **Din is-sena bi ħsiebna nkomplu nagħmlu iktar bird tables għall-iskejjel.**

## Nisperaw li narawkom!

Ħa jkollna trasport lura (€1) mix-Xemxija għar-Rabat.

**DATA Il-Ħadd 13 Marzu 2016**
**ĦIN 8.30am** (il-mixja tibda fid-**9am**)
**NILTAQGĦU**
Quddiem **il-Mużew tal-Istazzjon tal-Ferrovija,** ħdejn l-Imdina (ara l-mappa) - jekk ma tafux fejn, morru ħdejn il-Villa Rumana u jidderiġukom minn hemm.
**MERĦBA**
**Membri*, familja, ħbieb u skejjel****

*Tfal ta' taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir (18+).
**Skejjel għandhom jibbukkjaw billi jċemplu 21347645/6 jew b'imejl lil education@birdlifemalta.org

I ❤ Klabb Ħuttaf



# Intervista ma' fjura

Victor Falzon




Bonġu, fjura sabiħa.
L-għodwa t-tajba lilek ukoll.

Għaliex jismek silla?
Għax jien kuġina tal-pjanta li jgħidulha silla. Aħna familja kbira ħafna, u anke l-ful u l-piżelli kuġini tiegħi. Aħna lkoll nagħmlu ż-żerriegħa tagħna f'imżiewet.

U għaliex 'tal-mogħoż'?
Ma nafx ta, forsi għax il-mogħoż iħobb jikolni.

Ħaħa, mela ħafna fjuri jmissu jisimhom 'tal-mogħoż'!
Ħaħa veru. Isma', għaliex qed tħares lejn il-qiegħ taż-żarbun?

Għax qed inxomm riħa ta' qatran, naħseb weħlitli xi biċċa mit-triq.
Ħaħaħaħa! Ġib idek u obrom werqa minn tiegħi. Bil-mod eh...

Il-aħwa x'riħa ta' qatran! Mela minnek ġejja...
Dik hi r-riħa tal-weraq tiegħi.

Kos, nikber u nitgħallem.
Mela mela, u għalhekk f'ismi bl-Ingliż għandi l-kelma 'pitch'.

Il-fjuri wkoll għandhom riħa?
Xejn speċjali imma l-insetti xorta jżuruni. U issa aħjar twarrab għax hemm naħla tidher interessata fija.

Mela ħa nħallik. Saħħa silla.
Ċaw ċaw. Ara tiżloq fil-qatran :)

# Għasafar Xitwin


Aron Tanti

X'jisimhom dawn l-għasafar li naraw fix-xhur il-friski? Minn dak li hemm fis-sentenzi għandek tinduna.


Aron Tanti


Francesco Tanti




Il-**blonġun** sekond għandu għajnejh ħomor.
Il-**gawwija** rasha kannella jkollha munqar aħmar.
Il-**kapinera** raġel ikollu bħal beritta sewda.
Fix-xitwa l-**isturnell** ikollu ħafna tikek bojod.
Il-**pespus** ikollu t-tikek fuq sidru.
Il-**pitirross** għandu sidru oranġjo.
Il-**vjolin** tax-xitwa għasfur ħadrani.


Aron Tanti





Victor Falzon

Dawn l-għasafar ikunu magħna fix-xitwa biex jevitaw il-kesħa li tagħmel fl-Ewropa ta' fuq u fir-Russja.


Aron Tanti


Victor Falzon

Kif terġa' tibda tisħon il-ġurnata, jerġgħu jmorru lura f'arthom biex ibejtu.

**Kemm inkwiet!**

**Sensiela ġdida fuq problemi ambjentali**

Sean Bonello

# il-Global Warming

**Ħafna minnkom smajtu bil-*global warming*, imma tafu eżattament x'inhi u x'qed jikkawżaha? *Global warming* hija żieda fit-temperatura tad-dinja li b'riżultat qiegħda kompletament tbiddel il-klima tad-dinja.**

## X'qed jikkawża l-global warming?

Skont studji li saru, hemm diversi raġunijiet li jikkawżaw il-*global warming* però l-ikbar kaġun hi l-ħruq ta' fjuwil ġol-fabbriki, *power stations*, u vetturi etċ. Dawn kollha jarmu ħafna *carbon dioxide* fl-atmosfera li bis-saħħa tiegħu qed iseħħ l-effett serra.

## X'inhu l-effett serra?

L-effett serra huwa meta s-sħana tax-xemx tinqabad fl-atmosfera tad-dinja, u s-sħana tibqa' hemmhekk mingħajr ma tkun tista' terġa' toħroġ. Din is-sħana qiegħda tkun il-kaġun tal-bidla fil-klima.



Victor Falzon

## Kif jaffettwana?

L-impatt tal-*global warming* huwa vast u negattivi. Dan mhux biss qed jaffettwa lilna l-bnedmin imma wkoll l-ambjent, inkluż l-għasafar. Pereżempju hemm iżjed nixfa f'artijiet mistagħdra (*wetlands*) u ħabitati oħrajn bl-ilma. Dan qiegħed iwassal għal tibdil drastiku fir-rotot li l-għasafar jużaw fil-passa, u anke l-postijiet fejn ibejtu madwar l-Ewropa. Il-bdil fil-klima qed jaffettwa wkoll is-sors tal-ikel għall-insetti u annimali oħra, u dan jaffettwa l-ikel disponibbli għall-għasafar u annimali oħrajn.

## X'nistgħu nagħmlu?

Aħna nistgħu nagħtu sehemna biex innaqqsu l-problema tal-*global warming*. Dawn huma sitt suġġerimenti:



**Naqqas u rriċikla**

Iġġenera skart mill-inqas, u fejn hu possibbli rriċikla l-iskart li toħloq.



**Taħlix dawl artifiċjali**

Meta toħroġ minn kamra itfi d-dawl. Fejn tista' uża dawl naturali billi tiftaħ twieqi u purtieri matul il-jum.



**Ħawwel siġra**

Is-siġar jeliminaw ħafna *carbon dioxide* mill-arja, speċjalment huma u jikbru. Barra minn hekk il-weraq tagħhom jagħmel id-dell u jżomm il-frisk. Sib roqgħa ħamrija, ħawwel siġra indiġena u saqqiha għal ftit sjuf.



**Taħlix ilma**

Uża ilma skont il-bżonn u evita l-ħela. Jekk għandkom bir użaw l-ima tiegħu biex taħslu l-art, karozza, biex issaqqu, eċċ. Ftakar li ħafna mill-ilma tal-vit jiġi mill-impjanti tar-*reverse osmosis* li jaħlu ħafna dawl.



**Trasport**

Fejn tista' għaqqad grupp biex tmorru x'imkien b'karozza waħda flok ħafna. F'każ ta' distanza qasira tistgħu wkoll timxu flimkien mal-membri tal-familja u ħbieb.



**Qajjem kuxjenza**

Kun attiv/a biex tqajjem kuxjenza fuq *global warming*. Spjega lil ta' madwarek, familja, ħbieb u ġirien dwar kif jistgħu jagħmlu sehemhom wkoll.

**Jekk hemm xi suġġett ambjentali li tkunu tixtiquna niktbu dwaru f'din ir-rokna, ibagħtulna imejl fuq il-huttafa@birdlifemalta.org**


Guido Bonett

# Il-Qanfud

Desirée Falzon

Jekk trid tara qanfud oħroġ imxi fil-kampanja fejn hemm l-arbuxxelli x'ħin x-xemx tkun nieżla. Taf issib il-qanfud f'ġonna pubbliċi kbar ukoll, bħal Ta' Qali. Il-qanfud mhux kullimkien huwa komuni u postijiet imdawlin jevitahom. Għalhekk iktar hemm ċans tara wieħed f'tarf ir-raħal viċin l-għelieqi milli fil-qalba tal-belt.

Il-qanfud huwa annimal **notturn**. Bi nhar jorqod taħt arbuxxelli folti u joħroġ biss filgħaxija u bil-lejl. Fi ġranet kesħin jew fix-xita ma joħroġ xejn!

Il-qanfud huwa mammiferu fi grupp magħruf bħala **Insectivora**. Dan għaliex dawn l-annimali jieklu fil-biċċa l-kbira insetti. Membri oħra f'dan il-grupp huma l-bugeddum (*shrew*) u t-talpa (*mole*).


bugeddum


It-talpa ma tinstabx Malta
talpa

Raymond Galea



Ix-xewk tal-qanfud huwa magħmul mill-istess materjal ta' xagħarna u difrejna. Kemm ikollu xewk qanfud? Tweġiba isfel.

Minħabba li jikkaċċja insetti, dud u bebbux bil-lejl, il-qanfud jisma' u jxomm ħafna imma m'għandux vista tajba. Juża mnieħru, li huwa twil, biex iferkex fil-weraq u l-ħamrija għall-priża.



## Kif nista' ngħin lill-qanfud?

☐ Tħallix skart fil-kampanja. Meta l-qniefed isibu fdal tal-ikel tagħna jduru għalih, u jekk jidħlu jlaqqtu minn xi landa mormija jistgħu jeħlu fiha u jifgaw.


Victor Falzon

☐ Meta tkunu qed issuqu filgħaxija fil-kampanja għid lis-sewwieq isuq bil-mod ħalli jekk jaqsmilkom qanfud ma ttajruhx.


Victor Falzon

☐ Jekk tmur skola primarja, ħajjar lill-għalliema biex tagħmlu l-Attività **I promise** ta' Dinja Waħda, li hija dwar il-qanfud.

Dinja Waħda


Victor Falzon

## Periklu

Kif jara jew iħoss xi periklu riesaq, il-qanfud jirrombla u jsir ballun tax-xewk. B'hekk predatur ma jkollux minn fejn jaqbdu. Imma s'intendi dan it-trikk ma jaħdimx meta l-periklu tkun karozza ġejja 'gassdawn'! Għalhekk ħafna qniefed jispiċċaw mgħaffġin.

Tweġiba: minn 5000 sa 8000 xewka.


Raymond Vella

Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# Wied il-Miżieb



## Fejn hu?

Wied il-Miżieb qiegħed ħdejn il-Mellieħa

Imiss nitkellmu fuq Wied il-Miżieb. Dan huwa sit Natura 2000 pjuttost żgħir u li forsi mhux magħruf daqs, ngħidu aħna, il-Buskett jew Kemmuna. Hemm ukoll min jitfixklu ma' sit ieħor li wkoll jismu l-Miżieb, masġar kbir fuq għolja fil-qrib li jintuża għall-kaċċa tal-għasafar.

Il-popolazzjoni ta' għargħar li nsibu f'Wied il-Miżieb hija l-ikbar popolazzjoni li għad baqa' f'Malta u għalhekk dan is-sit huwa partikolarment importanti għall-ħarsien ta' din l-ispeċi.

## Popolazzjoni ta' għargħar ...

L-iktar li huwa importanti dan is-sit huwa minħabba li hemm popolazzjoni mdaqqsa ta' **għargħar**, siġra mill-familja taċ-ċipress. Għalkemm din l-ispeċi hija pjuttost komuni f'xi pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq, fl-Ewropa nsibuha biss f'Malta u f'post wieħed fi Spanja. X'aktarx li fil-passat din is-sigra kienet ħafna iktar komuni f'Malta, imma llum-il ġurnata, minkejja li hija s-siġra nazzjonali, hija meqjusa pjuttost rari.

## ... imma mhux biss.

Minbarra l-għargħar insibu speċi oħra ta' interess hawnhekk. Fost dawn insibu siġar bħall-**ħarrub**, **żebbuġ** u **tin**, pjanti endemiċi bħat-**tengħud tax-xagħri** u t-**tulliera ta' Malta**, u speċi assoċjati ma' ambjenti ta' makkja, bħaż-**żiju**, id-**deru** u s-**siġra tal-ħarir**. Insibu wkoll diversi speċi ta' **ħaxix** (grasses), kif ukoll speċi assoċjati max-xagħri, bħas-**sagħtar** u l-**berwieq**. Ta' min isemmi wkoll speċi bħall-



Victor Falzon






**orkida piramidali ta' Malta** u l-**brimba sewda** (li wkoll hija speċi ta' orkida, mhux brimba!), li t-tnejn huma endemiċi u strettament imħarsin bil-liġi.

## Ħajja moħbija

Importanti niftakru wkoll li jkun hemm ħafna [1]bijodiversità li aħna ma narawx, ġeneralment għax ikunu żgħar jew moħbijin.

F'Wied il-Miżieb, pereżempju, insibu ħafna speċi ta' insetti li huma ta' interess għax-xjenzati ambjentali, però li x'aktarx aħna la nindunaw bihom u lanqas naħsbu wisq fuqhom. Dawn l-ispeċi jistgħu jkunu speċjalizzati ħafna, tant li ħajjithom kollha taf tkun marbuta ma' tip wieħed ta' ambjent partikolari ħafna. Eżempju tajjeb minn dan is-sit hija speċi ta' ħanfusa bumunqar żgħira li hija [2]endemika għal Malta. L-isem xjentifiku tagħha huwa ***Torneuma strictum*** – għad m'għandniex isem bil-Malti għaliha (kif lanqas għandna għal ħafna speċi ta' insetti oħra!). Din l-ispeci ġiet deskritta fix-xjenza l-ewwel darba proprju minn dan is-sit u tgħix biss f'saff partikolari tal-ħamrija taħt is-siġar tal-għargħar, f'fond ta' 10–30ċm. Barra din il-ħanfusa hemm ukoll diversi annimali oħra żgħar, fosthom speċi ta' bebbux.






**It-*Torneuma strictum*** hija mill-familja tal-ħanfus bumunqar, bl-Ingliż *weevils*. Fl-istampa qiegħda mkabbra xi 25 darba.






**Għargħar** *Tetraclinis articulata*

Victor Falzon

Għalhekk meta nħarsu l-għargħar – imqar siġra waħda, aħseb u ara masġar sħiħ – inkunu qed inħarsu wkoll il-bijodiversità (kemm dik li naraw u kemm dik li ma narawx) marbuta mal-ambjent li joħolqu dawn is-siġar. Dan jgħodd mhux biss għall-għargħar imma wkoll għall-pjanti kollha.



**Il-Brimba Sewda** *Ophrys melitensis* hija waħda mill-orkidi endemiċi għal Malta

Victor Falzon

Victor Falzon

[1]**bijodiversità.** Varjetà ta' ħajja
[2]**endemika.** Ma tinsab imkien iktar



Victor Falzon

# Il-Munxar fil-mira!

Il-Munxar huwa biċċa art sabiħa fil-bajja ta' San Tumas, fix-xlokk ta' Malta. Huwa post għall-beraħ fejn jixxalaw il-bilbla u l-pespus. FIl-ħamrija ġeblija jikbru ħafna fjuri selvaġġi u mas-sisien jikbru arbuxxelli tax-xebb endemiku. Il-Munxar imdawwar fuq tliet naħat b'sisien tal-franka li l-bjuda tagħhom tgħammixlek għajnejk. Dal-post fih għaxqa għall-passiġġati fil-kwiet u l-beraħ u dehriet sbieħ tal-baħar. Imma issa xi ħadd irid jiżviluppa dawn l-inħawi. Dan ifisser proġett ieħor ta' bini li jekk isir ħa jkisser għal dejjem is-seħer tal-Munxar. U Malta tkompli ssir iktar fqira għax tkun tilfet il-Munxar, ġawhra oħra naturali.

